

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla l-Artikoli 1, 4, 5 u 6 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2020) 8550 final tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' għajjnuna SA.21259 (2018/C) (ex 2018/NN) implementata mill-Portugall għal Żona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III (ĠU 2022, L 217, p. 49);
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż kollha.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi inkwantu l-miżura inkwistjoni ma tikkostitwixxix għajjnuna mill-Istat, sa fejn il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li din l-iskema tikkostitwixxi miżura selettiva, kif ukoll żball ta' liġi minħabba ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, stabbilit fl-Artikolu 296 TFUE, għal dak li jirrigwarda r-rekwiżit ta' selettività.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi inkwantu r-Reġim III taż-Żona Franca da Madeira ġie eżegwit konformement mad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2007 u 2013 u mar-regoli previsti fl-Artikoli 107 u 108 TFUE.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi minħabba ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod speċifiku tal-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' proporzjonalità.

---

### Rikors ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2022 – Sonasurf Internacional et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-723/22)

(2023/C 24/86)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

### Partijiet

Rikorrenti: Sonasurf Internacional – Shipping Lda (Żona Franca da Madeira) (Funchal, il-Portugall), Mastshipping – Shipping, Sociedade Unipessoal Lda (Żona Franca da Madeira) (Funchal), Latin Quarter – Serviços Marítimos Internacionais Lda (Żona Franca da Madeira) (Funchal) (rappreżentanti: R. Bordalo Junqueiro, S. Fernandes de Almeida, R. F. Costa u P. G. Marques, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitkolbu li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tirrikonoxxi l-interess leġittimu tar-rikorrenti li jippreżentaw dan ir-rikors għal annullament skont l-Artikolu 263 TFUE;
- tikkunsidra li dan ir-rikors għal annullament ġie ppreżentat b'mod regolari u huwa ammissibbli skont l-Artikolu 263 TFUE;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata skont l-Artikolu 264 TFUE;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż tal-kawża u għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1414 tal-4 ta' Diċembru 2020 dwar l-iskema ta' ghajjnuna SA.21259 (2018/C) (ex-2018/NN) implimentata mill-Portugall għal Żona Franca da Madeira (ZFM) – Reġim III (notifikata bid-dokument C(2020) 8550) (ĠU 2022, L 217, p. 49), ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi li, essenzjalment, huma identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-718/22, Eutelsat Madeira vs Il-Kummissjoni.

---

## Rikors ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2022 – Odeon Cinemas Holdings vs EUIPO – Academy of Motion Picture Arts and Sciences (OSCAR)

(Kawża T-727/22)

(2023/C 24/87)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrent: Odeon Cinemas Holdings (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: L. Axel Karnoe Søndergaard, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Academy of Motion Picture Arts and Sciences (Beverly Hills, California, l-Istati Uniti)

## Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenjuža: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenjuža kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea OSCAR – Trade mark tal-Unjoni Nru 2 931 038

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-6 ta' Settembru 2022 fil-Każ R 1841/2021-5

## Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ģeneralji jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

## Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- 

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2022 – Industrias Lácteas Asturianas vs EUIPO – Qingdao United Dairy (NAMLAQ)

(Kawża T-728/22)

(2023/C 24/88)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

## Partijiet

Rikorrent: Industrias Lácteas Asturianas, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: J. C. Riera Blanco, avukat)